MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' April, 2014

Numru 386/2014

Il-Pulizija

(Spettur Jason Francis Saliba)

vs

Kheyre Heybe Mohamed.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' nazzjonalita Somala detentur ta' karta tal-identita numru 111598A akkuzat:

1. talli nhar il-10 ta' April 2014 gewwa tas-Sliema, ghal habta ta' 10.30pm, fi Triq it-Torri, Sliema, ikkommetta serq ta' basket u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Burak Akagundus, liema serq huwa aggravate bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha

w ghoxrin Euro u sebgha e tletin centezmu (€2329.37) u bil-vjolenza ghad-detriment ta' Burak Akagundus ta' nazzjonalita Torka u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

2. u aktar talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-ghan li jaghmlu delitt/i f'Malta li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kienux delitt/i taht l-Att dwar l-istampa;
3. u aktar talli f'Malta xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b'kull mod li jkun indahalu sabiex ibieghhom jew imexxihom;

L-akkuzi jippotizzaw is-serq aggravat bil-valur li ma jeccedix l-€2329.37, u l-vjolenza;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti;
Ikkonsiderat li r-refurtiva almenu fil-maggor parti taghha giet irkuprata;

Rat l-Artikolu 261 (a)(c), 262 (b), 276, 277, 279 (a), 31 tal-kap 9.
Tikkundannah prigunerija ta' sena lib l-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 jibqaw sospizi ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------